

II

(Atti mhux legiſlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 835/2010

tat-22 ta' Settembru 2010

li jemenda għall-135 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-espertazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(5)⁽²⁾ tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

- (2) Fid-9 ta' Settembru 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

- (3) L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Karel KOVANDA
Aġent Direttur Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni*

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

⁽²⁾ L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament (UE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

ANNEX

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejja taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għanda titħassar:

"Faraj Faraj Hussein **Al-Sa'idi** (*alias* (a) Mohamed Abdulla Imad; (b) Muhamad Abdullah Imad; (c) Imad Mouhamed Abdellah; (d) Faraj Farj Hassan **Al Saadi**; (e) Hamza Al Libi; (f) Abdallah Abd al-Rahim). Indirizz: (a) Leicester, ir-Renju Unit (minn Jannar 2009); (b) Viale Bligny 42, Milan, l-Italja (Imad Mouhamed Abdellah). Data tat-twelid: 28.11.1980. Post tat-twelid: (a) Il-Ġamaħirija Għarbija Libjana; (b) Gaza (Mohamed Abdulla Imad); (c) Jordan (Muhamad Abdullah Imad); (d) Palestine (Imad Mouhamed Abdellah). Nazzjonalità: Libjana. Tagħrif ieħor: Residenti fir-Renju Unit minn Jannar 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 12.11.2003."
